# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **6 TA' AWWISSU 2017**

## Il-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu

Matul ix-xahar ta' Awwissu fil-Parroċċa tagħna għandna l-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu. Fostna għandna żewġ familji mill-*Communità Abramo* li ser jaqsmu l-esperjenzi tagħhom magħna, kif ukoll ser jagħmlu xi *home visits*. Bħala parroċċa ser niġbru oġġetti tal-ikel u ilma għaż-żewġ familji fil-qfief li ser ikun hawn apposta fil-knisja quddiem l-ambone.

## Dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-Niċċa

Għada / Illum il-Ħadd 6 ta' Awwissu 2017 fid-9:15am quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla tal-ġid li wettaq magħna fil-jiem tal-festa. Wara l-quddiesa jsir id-dħul tal-istatwa ta' Sant'Anna fin-niċċa.

Fis-6:00pm Quddiesa animata mill-*Communità Abramo*. Fis-7:00pm jiġi espost Ġesù Ewkaristija u kulħadd mistieden jiġi jitlob fis-skiet.

## Lill-Voluntiera kollha tal-Parroċċa

It-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017 fis-7:30pm ser issir laqgħa fil-Knisja Parrokkjali għall-voluntiera kollha tal-Parroċċa tagħna li ser titmexxa mill-*Communità Abramo*. Inħeġġukom sabiex nattendu.

## Quddies fil-Knisja Parrokkjali

Nhar ta' Erbgħa matul ix-xahar Awwissu fil-Knisja Parrokkjali ser ikollna quddiesa fit-8:30am u nhar ta' Ġimgħa quddiesa fid-9:00am li ser jattendu għaliha t-tfal ta' Skola Sajf. Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-vaganzi tas-sajf insibu ħin għal Ġesù.

## Legion of Mary

Bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija, il-Ġimgħa 11 ta' Awwissu 2017, il-Grupp tal-Legion of Mary ser janimaw il-quddiesa tas-6:30pm u wara purċissjoni bix-xbieha tal-Madonna li toħroġ mill-knisja parrokkjali sal-bandli u nerġu lura lejn il-knisja. Matul il-purċissjoni nitolbu t-talba tar-Rużarju.

## 100 Sena mid-Dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima

Billi matul din is-sena qed infakkru l-100 Sena mid-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima, il-Ħadd 13 ta' Awwissu 2017 wara l-quddiesa tas-6:30am nitolbu flimkien it-talba tar-Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Awwissu 2017. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna. Fil-paġni tan-nofs tal-fuljett Flimkien issibu l-programm sħiħ taż-żjara tal- *Communità Abramo* fil-parroċċa tagħna.